# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Dicembru, 2021**

**Rikors nru: 89/12 MLF**

**Pentasia Malta Limited**

**vs**

**PIVGAME Limited, gia maghrufa bhala Pokerinvence Limited**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' erbat elef, mija u disgha u tmenin Euro (€4,189), rapprezentanti l-valur tal-fattura bin-numru 1009-571 datata 21 ta' Settembru, 2010 fir-rigward ta' servizzi ta' reklutagg lilhom rezi ai termini tal-ftehim accettat u ffirmat minnhom, u dan kif ser jigi ahjar ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, liema somma, is-socjeta' konvenuta naqset li thallas, minkejja l-interpellazzjonijiet tas-socjeta' Pentasia Malta Limited.

   Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali, ai termini tal-Artikolu 166A bin-numru 274/2012, kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 376/2012, kif ukoll mill-imghaxijiet mid-data tal-istess fattura sad-data tal-pagament effettiv.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta PIVGAME Limited fejn eccepiet: -

   (i) Illi preliminarjament, l-eccipjenti mhix il-legittimu kontradittur tal-kawza odjerna stante li l-kuntratt li fuqu hija bbazata t-talba gie ffirmat ma' terzi;

   (ii) Illi, minghajr pregudizzju ghal-ewwel eccezzjoni u fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti m'onoratx l-obbligi kontrattwali taghha u konsegwentement l-ebda ammont m'huwa dovut.

3. Rat is-sentenza taghha tat-12 ta' Lulju 2017, fejn ghar-ragunijiet fiha premessi, din il-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta, u ordnat il-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati.

5. Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta attrici, u rat li la s-socjeta konvenuta u lanqas l-avukat difensur taghha ma dehru ghas-seduta li fiha kienet intiza li issir it-trattazzjoni orali.

**Il-Fatti**

6. Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

   (i) Is-socjeta' attrici hija licenzjata sabiex tagixxi bhala agenzija tal-impjieg ai termini tal-Att Dwar is-Servizzi u l-Impjieg, Kapitolu 343 tal-Ligijiet ta' Malta u tispecjalizza fir-reklutagg ta' persuni fis-settur tal-*online gaming.*[1]

   (ii) Is-socjeta' PIVGAME Limited, li fiz-zmien in kwistjoni kienet maghrufa bhala Pokerinvence Limited, ghandha diversi licenzji ghal-loghob minn distanza

[1] Ara xhieda a fol.39 tal-process.

mahruga mill-Awtorita' dwar il-Lotteriji u l-Loghob ai termini tar-Regolamenti Dwar Loghob minn Distanza (L.S. 438.04).[2]

(iii) Fis-sena 2009, is-socjeta' konvenuta xtaqet li s-socjeta' attrici tipprestalhom servizzi ta' reklutagg, u kienet dahlet fi ftehim bil-miktub intitolat *"Contratto di Ricerca Personale"* datat 6 ta' Mejju, 2009. Ghas-socjeta konvenuta iffirma Cesare Florio li dak iz-zmien kien direttur tal-istess socjeta konvenuta.[3]

(iv) Sussegwentement is-socjeta' konvenuta kienet talbet lis-socjeta' attrici issibilha kandidati prospettivi ghal erba' postijiet vakanti fil-Customer Support. Jidher li s-socjeta attrici fehmet li f'Settembru 2010 is-socjeta konvenuta kienet ingaggat erba' mill-kandidati prospettivi li kienet baghtitlha s-socjeta attrici, fosthom certu Eliseu Samuel Ferreira.

(v) Ghalhekk, ai termini tal-kuntratt is-socjeta attrici harget fattura fl-ammont ta' €4,189.90 lis-socjeta konvenuta ghas-servizzi taghhom sabiex Eliseu Samuel Ferreira gie ingaggat mis-socjeta konvenuta bhala Customer Support Representative.

(vi) Fix-xhieda tieghu, Cesare Florio, li dak iz-zmien kien direttur tas-socjeta konvenuta, cahad li Eliseu Samuel Ferreira qatt kellu xi kariga jew gie impjegat mis-socjeta konvenuta.[4]

(vii) Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-ETC ikkonferma li Eliseu Samuel Ferreira qatt ma kien impjegat mas-socjeta' konvenuta,[5] pero mill-employment history jirrizulta li Eliseu Samuel Ferreira kien impjegat mis-socjeta Reptilia Limited bejn it-22 ta' Settembru 2010 u is-7 ta' Novembru 2010.[6]

(viii) Mir-registru tal-kumpaniji jirrizulta li fiz-zmien rilevanti, Cesare Florio kien direttur kemm tas-socjeta konvenuta kif ukoll tas-socjeta Reptilia Limited.[7]

---

[2] Ara xhieda a fol.39 tal-process.
[3] Ara xhieda a fol.39 tal-process.
[4] Ara xhieda a fol.20 tal-process (Dokument LC1).

[5] Ara xhieda a fol.30 tal-process.
[6] Ara fol. 32 tal-process.
[7] Ara fol. 36 u 37 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

7. Kif diga inghad, l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta li hija mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, giet michuda bis-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju 2017. Ghaldaqstant, f'din is-sentenza, din il-Qorti trid tikkunsidra u tiddeciedi dwar il-meritu tat-talba tas-socjeta attrici.

8. Fir-rigward tal-mertu, is-socjeta konvenuta eccepiet biss illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta attrici m'onoratx l-obbligi kontrattwali taghha u konsegwentement l-ebda ammont m'huwa dovut. Is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex issostni din l-eccezzjoni taghha.

9. Mill-provi jirrizulta li fis-6 ta' Mejju, 2009, gie ffirmat kuntratt bejn is-socjeta' attrici u dik konvenuta, sabiex is-socjeta' attrici tkun tista' trendi servizzi biex tingagga impjegati ghas-socjeta' konvenuta.[8]

10. Kien a bazi ta' dan il-ftehim, li s-socjeta' attrici kienet sabet erba' persuni u indikathom bhala kandidati sabiex jigu impjegati mis-socjeta' konvenuta, fosthom lil Eliseu Samuel Ferreira. Pero, is-socjeta konvenuta ma impjegatx lil din il-persuna, u minflok din il-persuna giet impjegata mis-socjeta Reptilia Limited. Fiz-zmien rilevanti Cesare Florio kien direttur kemm tas-socjeta konvenuta kif ukoll tas-socjeta Reptilia Limited.

11. Fl-affidavit tieghu Christopher Vella, direttur tas-socjeta attrici, qal hekk: *"Illi r-relazzjonijiet li jien kelli ma' PIV Game Limited kif ukoll kwalunkwe korrispondenza li jien kelli mas-socjeta PIVGAME Limited dejjem kienet ma' l-imsemmi Cesare Florio li kien direttur tal-imsemmi socjeta intimata. Irrid nghid ukoll li kull darba li Cesare Florio avvicina lis-socjeta Pentasia Malta dejjem kien jitkellem ghar-rigward ta' PIV Game Limited u di fatti l-vacancies li kien ghadda lis-socjeta msemmija dejjem kien jghid li kienu fir-rigward ta' PIV Game Limited."*[9] Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta.

---

[8] Ara fol.43 *et seq.* tal-process.
[9] Ara fol. 40 tal-process.

12. Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Pentasia Malta Limited vs PIVGAME Limited**, deciza fl-10 ta' Dicembru 2020 minn din il-Qorti diversament preseduta,[10] fejn il-fatti specje tal-kaz huma prattikament identici ghal dak odjern, pero jikkoncernaw l-ingagg o meno ta' persuna ohra mill-erba' kandidati li s-socjeta attrici ipproponiet lis-socjeta konvenuta. F'dawk il-proceduri, is-socjeta konvenuta tat eccezzjoni fil-mertu identika ghal dik li tat fil-proceduri odjerni. F'din is-sentenza gie ritenut hekk:

*"Fil-fehma tal-Qorti minn dak li jirriżulta mill-provi prodotti, is-soċjetà konvenuta ma esegwietx il-kuntratt bejnha u s-soċjetà attriċi in buona fede. Is-soċjetà konvenuta marret għal kollox kontra l-prinċipji ġuridiċi enunċjati fl-Artikoli 992 u 993 tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta - Artikolu 992 - Il-kuntratti magħmula skond il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom. Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi. Artikolu 993 - Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skond ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi - meta wara li nqdiet bis-servizzi tas-soċjetà attriċi għar-reklutaġġ ta' kandidati għall-posizzjoni ta' impjegat/impjegati, ir-rappreżentanti tagħha unilateralment u mingħajr ma infurmaw lis-soċjetà attriċi impjegaw lil dawn il-kandidati - senjatament lil Paola Claudia Sariola għall-fini tal-proċeduri odjerni - ma' soċjetà oħra minnhom stess, jew aħjar minn uħud minnhom, rappreżentata. Fiċ-ċirkostanzi s-soċjetà konvenuta ma tistax u ma huwiex ġust li tipprova tevita r-responsabilitajiet tagħha verso s-soċjetà attriċi, ossia li tħallas dak minnha konkordat ai termini tal-ftehim datat 6 ta' Mejju 2009, billi tikkontendi li l-persuna għal min tirreferi l-fattura mertu ta' dawn il-proċeduri ma ġietx impjegata magħha. Għaldaqstant, is-soċjetà konvenuta hija tenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €4,189 kif riżultanti mill-fattura bin-numru 1009-568 datata 22 ta' Settembru 2012."*

13. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, r-ragunament u l-konkluzjonijiet f'din is-sentenza japplikaw *mutatis mutandis* ghal fatti tal-kawza odjerna, stante li l-fatti huma prattikament identici. Ghaldaqstant, is-socjeta konvenuta hija obbligata li thallas lis-socjeta attrici l-ammont ta'

[10] *Per* Magistrat Gabriella Vella, Rikors numru 90/2012.

€4,189.00 rapprezentanti l-valur tal-fattura bin-numru 1009-571 datata 22 ta' Settembru 2010.

14. Fir-rikors promotur, is-socjeta attrici talbet il-hlas tal-imghax mid-data ta' din il-fattura sad-data tal-pagament effettiv. Pero, ai termini tal-Artikolu 5.2 tal-ftehim bejn il-partijiet tas-6 ta' Mejju 2009, l-imghaxijiet huma dovuti f'kaz ta' nuqqas ta' hlas wara li jiddekorru tletin (30) gurnata mid-data tal-fattura.[11]

**Konkluzjoni**

15. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegha taqta' u tiddeciedi billi:

1. tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

2. tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici is-somma ta' erbat elef, mija u disgha u tmenin Euro (€4,189), bl-imghax mit-22 ta' Ottubru 2010 sad-data tal-pagament effettiv.

16. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 274/2012 mahruga ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tal-mandat ta' sekwestru numru 376/2012, ghandhom jigu subiti mis-socjeta konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**

[11] Ara xhieda ta' Christopher Vella a fol. 41 tal-process.